



Brussell, 31 ta' Ottubru 2025  
(OR. en)

14534/1/25  
REV 1

LIMITE

EF 355  
ECOFIN 1422  
SIMPL 159

ECB  
EIB

**NOTA**

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill  
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

---

Suġġett: Simplifikazzjoni, Implimentazzjoni u Infurzar  
a) Rapport ta' Progress Annwali għall-2025  
b) Rapport Ġenerali Annwali għall-2025  
- Preżentazzjoni mill-Kummissjoni  
- Skambju ta' fehmiet

---

1. Fil-21 ta' Ottubru 2025, il-Kummissjoni ppubblikat ir-rapporti ta' Progress Annwali tal-2025 dwar is-Simplifikazzjoni, l-Implimentazzjoni u l-Infurzar tal-Kummissarji Valdis Dombrovskis (ST 14495/REV1/25) u María Luís Albuquerque (ST 14496/REV1/25). Iż-żewġ rapporti jenfazzaw miżuri ewlenin li ttieħdu minn Jannar sa Lulju 2025 biex jitkomplew l-isforzi ta' simplifikazzjoni fl-oqsma ta' politika rispettivi tal-Kummissarji.
2. Fl-istess jum, il-Kummissjoni ppubblikat ukoll ir-Rapport ta' Ħarsa Ġenerali tal-2025 dwar is-Simplifikazzjoni, l-Implimentazzjoni u l-Infurzar (ST 14498/REV1/25) li l-Kummissarju Valdis Dombrovskis ħejja fil-kapaċità tiegħu bħala Kummissarju għall-Implimentazzjoni u s-Simplifikazzjoni. Dan ir-rapport ikopri s-sitt pakketti ta' inizjattivi omnibus u proposti oħra li għandhom l-għan li jnaqqsu l-piżijiet u jissimplifikaw il-leġiżlazzjoni proposta mill-Kummissjoni fl-ewwel xhur tal-2025.
3. Fit-23 ta' Ottubru 2025, il-Kunsill Ewropew fil-konklużjonijiet tiegħu afferma mill-ġdid "il\_ħtieġa urġenti li tiġi avvanzata aġenda ambizzjuża u mmexxija orizzontalment ta' simplifikazzjoni u regolamentazzjoni aħjar fil-livelli kollha – tal-UE, dak nazzjonali u dak reġjonali – u fl-oqsma kollha sabiex tiġi żgurata l-kompetittività tal-Ewropa", ħeġġeġ "lill-Kummissjoni u lill-koleġiżlaturi jħaffu l-ħidma tagħhom, bħala prijorità assoluta, fuq il\_fajls kollha b'dimensjoni ta' simplifikazzjoni jew kompetittività" u appella għal azzjoni konkreta ulterjuri "biex tiġi evitata r-regolamentazzjoni żejda u l-introduzzjoni ta' piżijiet amministrattivi ġodda".
4. Il-Kunsill issa huwa mitlub ikollu skambju ta' fehmiet dwar is-simplifikazzjoni, l-implimentazzjoni u l-infurzar, fid-dawl tar-rapporti msemmija hawn fuq (taħt il-punti 1 u 2) li għandhom jiġu ppreżentati mill-Kummissjoni Ewropea fil-laqgħa tal-Kunsill ECOFIN tat-13 ta' Novembru.